**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Branton Barbara**

**Illum, 15 ta' Frar 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

> "**Branton Barbara**, detentur tal-karta ta' l-identita Maltija numru 0228088(M)
>
> U nakkuzah talli nhar it-12 u it-13 ta' Frar, 2019, u fil-jiem ta' qabel gewwa l-fond Tulip, flat 2, Triq Id-Dwiemes, Zejtun , u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:
>
> 1) zamm f'xi fond arma regolari, taht il-kontrol tieghu jew garr barra mill-imsemmi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-

nar, jew munizzjon elenkati fl-iskeda II minghajr ma kellu licenzja taht dan l-att.

2) permezz ta' xi *network* jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika, *mobile* għamel użu ieħor mhux xieraq bih,

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' trattament a favur ta' **Branton Barbara** ai termini ta' l-Artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Branton Barbara rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Victor Galea rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 5(1), 51(2) u 63 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Branton Barbara ħati u wara li kkunsidrat il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni bikrija tieghu qed tpoggi tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum u tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation taht l-Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien sentejn mil-lum, f'liema zmien l-imputat ghandu jkun segwit u jinghata l-ghajnuna mehtiega anke dik professjonali li jirrizulta li ghandu bzonn wara evalwazzjoni appozita, kif ukoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn mil-lum taht l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu jinkludi programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga u mill-vizzju tax-xorb.

U Tikkundanna lill-imputat ghall-multa fl-ammont ta' mija u sittax il-Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), pagabbli f'sitt xhur f'pagamenti mensili ta' dsatax il-Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€19.41).

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur